MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 161/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Aldo Fenech**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta’ att ta’ citazzjoni kontra Aldo Fenech talli fit-2 ta’ Dicembru, 2001 ghal habta ta’ 4.30pm fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun:

(1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura numru CBK-019 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(2) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ l-imsemmija vettura CBK-019 fit-triq jew post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

(3) saq l-imsemmija vettura numru CBK-019 b’manjiera traskurata;

(4) u b’manjiera perikoluza;

(5) kif ukoll talli b’hekk Aldo Fenech, Gwardjan Lokali, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta’ reat li hu kullu d-dmir li jissorvelja sabiex dan ma jsirx jew li minhabba l-karigu tieghu li kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-povedimenti ta’ l-Artikolu 15H ta’ Kap. 65 u li l-imsemmi Fenech jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ mhux anqas minn sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-27 ta’ Gunju 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Aldo Fenech mhux hati skond l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet u llibertu minnhom, izda sabitu hati skond it-tielet u skond ir-raba’ imputazzjonijiet (bl-assorbiment tat-tielet akkuza fir-raba’ wahda), ikkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50) u skwalifikatu ghal tlett xhur milli jkollu licenzji tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Aldo Fenech, minnu ppresentat fit-8 ta’ Lulju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza; rat ukoll ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fil-15 ta' Lulju, 2002, li permezz tieghu ukoll talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru, 2002; ikkunsidrat:

Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li fil-gurnata u fil-hin indikati fic-citazzjoni Aldo Fenech kien qed isuq il-vettura tal-marka Citroen fi Triq il-President Anton Buttiegieg, fiz-Zejtun, meta huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, dahal gol-karreggjata mnejn kienu gejjin vetturi fid-direzzjoni opposta, u baqa’ diehel gol-vettura tal-marka Toyota misjuqa minn Anthony Abela. Meta wasal fuq il-post ta’ l-

incident is-Surgent Anthony Agius, dan sab lil Fenech fuq l-i*steering wheel* jitrieghed u xamm ukoll riha ta' xorb. Ghalhekk sar it-test preliminari tan-nifs, u billi dana t-test indika li Fenech kien taht l-influwenza tax-xorb, l-istess Fenech ittiehed id-Depot tal-Pulizija fejn hemhekk l-Ispettur Neil Harrison (li nserta kien id-*Duty Officer H.Q.*) ghamel l-analizi tal-kampjuni tan-nifs ghall-finijiet ta' l-Artikolu 15E tal-Kap. 65. Skond id-dokument NH ezibit a fol. 3 tal-atti (fil-process Appell nru 164/2002) l-ewwel kampjun indika 42 mikrogramma ta' alkohol f'mitt millilitru ta' nifs, filwaqt li t-tieni kampjun indika 44 mikrogramma.

L-ewwel li ser jigi trattat huwa l-appell ta' l-Avukat Generali. L-Avukat Generali jibda biex jilmenta li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta skartat id-Dokument NH u per konsegwenza lliberat lil Aldo Fenech mill-ewwel zewg imputazzjonijiet. L-ewwel qorti qalet hekk dwar dan id-dokument:

**[Dan] id-dokument mhux wiehed komplet; stramb ukoll il-fatt li tidher li hemm il-firma ta' l-akkuzat fuq it-tape, pero` l-informazzjoni l-ohra kollha giet mistura anke jekk wiehed jara l-istess dokument kontra d-dawl. Il-Qorti ghalhekk tqis l-istess dokument alterat u mhux komplet u ma tqisx li fuq tali provi, in vista li zgur li ma jikkostitwix l-ahjar prova, li ghandha ssib htija fuq l-istess.**

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi tali fehma. Hu evidenti li d-dokument NH gratlu hsara, fis-sens li tqatta', u dan gie msewwi permezz ta' *cellophane tape* li pero` ma kienitx trasparenti, b'mod ghalhekk li partijiet ta' dak li hemm stampat fuq dan id-dokument (li hu effettivament *printout* li tohrog mill-magna li biha ssir l-analizi tan-nifs) gie mghotti. Din il-Qorti ma tara xejn stramb li hemm il-firma ta' l-akkuzat fuq it-*tape*; u l-informazzjoni <u>essenzjali</u> fuq dan id-dokument <u>ghadha kollha tidher</u>. Din l-informazzjoni essenzjali giet konfermata bil-gurament mill-Ispettur Harrison, il-persuna li hadmet l-apparat li ghamel l-analizi. Ma kienitx, ghalhekk, gustifikata l-ewwel qorti li tinjora dana d-dokument li kjarament jindika li Aldo Fenech kellu fin-nifs

tieghu aktar alkohol mill-limitu preskritt. Dan ifisser li kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni jirrisultaw pruvati.

L-Avukat Generali jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti lliberat lil Aldo Fenech mill-hames imputazzjoni, cioe` l-imputazzjoni li tipotizza l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva fis-sentenza taghha tas-17 ta’ Lulju, 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Emmanuel Testa***, biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta’ ligi jew xi kundizzjoni ta’ impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha, bhalma huwa l-kaz ta’ Ufficjali tal-Pulizija), jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati). L-Avukat Generali, fin-nota tieghu tal-25 ta’ Ottubru, 2002, indika l-Artikolu 20 tal-Kap. 389. Dana l-artikolu, pero`, ma hu ta’ ebda utilita` biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li Aldo Fenech kellu jissorvelja biex ma jsirux, jew kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsiru, ir-reati kontemplati fl-ewwel erba’ imputazzjonijiet. Dana l-Artikolu 20 jipprovdi biss li d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 112 (ezazzjoni), 113 (estorsjoni), 114 (cirkostanzi aggravanti ghal dawn ir-reati), 115 (korruzzjoni ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku) u 119 (li jipprovdi ghall-piena ta’ l-interdizzjoni generali) japplikaw ghal gwardjan lokali. Anzi wiehed jista’ jargumenta proprju l-kontra ta’ dak li qed jipprova jghid l-Avukat Generali: galadarba l-Artikolu 20 jipprovdi espressament liema artikoli tal-Kodici Kriminali japplikaw ghal gwardjan lokali, ifisser li disposizzjonijiet ohra tal-imsemmi Kodici ma japplikawx ghalih. Din il-Qorti, fi kwalunkwe kaz, ezaminat kemm il-Kap. 389 kif ukoll is-segwenti regolamenti maghmula taht din il-ligi – Avvizi Legali 161/1996, 216/1999, 79/2001 u 256/2002 – u tara li ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li Aldo Fenech, bhala gwardjan lokali, kellu jissorvelja li ma jsirux, jew kellu d-dmir li jimpedixxi, ir-reati (li huma delitti) ipotizzati fl-ewwel erba’ imputazzjonijiet. Ghalhekk f’dana l-kaz kienet korretta l-ewwel qorti meta lliberat lil Aldo Fenech mill-hames imputazzjoni.

Il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell ta' Aldo Fenech. Dana, bazikament, jikkontendi li s-sewqan tieghu la kien wiehed traskurat u anqas perikoluz. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Sewqan taht l-influwenza tax-xorb li jwassal ghal kollizjoni bhalma gara f'dan il-kaz jammonta ghal sewqan kemm traskurat kif ukoll perikoluz. Ghalhekk l-appell ta' Aldo Fenech qed jigi michud.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Aldo Fenech mhux hati skond il-hames imputazzjoni kif ukoll fejn sabitu hati skond it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u fejn skwalifikatu ghal tlett xhur mill-licenzji tas-sewqan, thassarha u tirrevokaha fil-bqija (u cioe` fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mit-tieni imputazzjoni, u fejn ikkundannatu multa ta' hamsin lira) u minflok, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2), 15A, 15B u 15H(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikoli 11(1)(3) u 17(f) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imsemmi Aldo Fenech multa ta' tlett mitt lira (Lm300), konvertibbli f'sittin gurnata prigunerija fin-nuqqas ta' pagament skond il-ligi. L-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan tibda minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Aldo Testone
Assistent Registratur